SANTA LUĊIJA
MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 10-20**
**Laqgħa Msejħa b'Urġenza**

**2 ta' Marzu 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato ma' setgħetx tattendi għal din il-Laqgħa

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## 10 Minuti

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**Qari ta' ittri ta' apoloġiji**
Is-Sindku qrat *e-mail* tal-Kunsilliera Kylie D'Amato fejn infurmat li ma kienx ser ikun possibli għaliha biex tattendi din il-Laqgħa.

**10.1** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li din il-laqgħa tal-llum ġiet imsejħa b'urġenza mill-Kunsillier Liam Sciberras u li hi issekondat din it-talba. Hija stiednet lill-Kunsillier Sciberras biex jitkellem.

**10.2** Il-Kunsillier Sciberras qal li xtaq iqajjem ftit punti fl-interess pubbliku.

- L-ewwel punt li semma kien l-impatt fuq il-*parking* li ser iħalli l-iżvilupp propost.
- It-tieni punt kien li dan l-iżvilupp propost mhuwiex għal ġid tar-raħal u semma residenti li investew f'pannelli solari u ħela ta' fondi pubbliċi.
- It-tielet punt li semma l-Kunsillier Sciberras kien jirriġwarda l-estetika tat-triq u qal li l-iżvilupp propost ser joħloq *eyesore*.

Huwa qal li jekk ma joġġezjonax ikun qed imur kontra s-South Local Plan. Qal ukoll li din il-proposta tmur kontra l-prinċipji tiegħu u nirvinaw triq u r-raħal tagħna u li din il-proposta ser taffettwa toroq oħra. Huwa qal li l-Kunsill irid iħares lejn il-*common good*.

**10.3** Is-Sindku qalet li dan l-iżvilupp kif propost ser ikollu l-*parking spaces* tiegħu. Hija qalet li illum hemm il-*height limitations* bil-metri. Hija kompliet tgħid li mill-att finanazjarju, dan l-iżvilupp ser jgħolli l-valur tal-propjeta. Hija tenniet tgħid li jekk dan l-iżvilupp propost qiegħed skond ir-regolamenti ma nistgħu nagħmlu xejn u għalxejn ser noġġezjonaw.

**10.4** Il-Kunsillier Terrence Ellul semma il-laqgħa li kienet issejħet b'urġenza biex jiddiskuti l-proposta ta' żvulupp fejn hemm ir-razzett taż-żiemel. Huwa qal li f'dik il-proposta minnflok *parking spaces* kien hemm garaxijiet. Huwa qal li dak inhar ħadd ma oġġezjona. Huwa qal ukoll li diġa hemm bini hekk fil-viċin ta' dan l-iżvillup propost.

**10.5** Il-Viċi Sindku, s-Sur Frederick Cutajar qal li diġa kellna żviluppi simili fil-lokalita'. Huwa qal li hu favur li jkun hawn influs ta' kopji żgħażagħ f'din il-

lokalita' li jsibu jixtru postijiet fejn joqogħdu filwaqt li l-bini jżomm l-istess footprint. Huwa saħaq li l-Kunsill għandu jimxi mal-liġi.

**10.6** Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill għandu jopponi jekk din il-proposta ta' żvilupp ma tkunx kontra ir-regolamenti. Il-Kunsill qabel u l-Kunsillier Liam Sciberras qal li xorta jħoss li għandu jressaq il-*concerns* tiegħu.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser jitlob il-parir professjonali tal-perit fir-rigward ta' din il-proposta ta' żvilupp.

**10.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-6.15p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2020 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Caroline Silvio**<br>**Segretarju Eżeku** |